MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 400/2011

**Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Loraine Silvia Alkounsul**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Loraine Silvia Alkounsul nee’ Attard ta’ 42 sena, bint Saviour u Doris nee’ Cachia, imwielda Awstralja fis-27 ta’ Dicembru 1968 u residenti Ent D, Flt 6, Triq Giuzeppi Maria Pugliesevich, Swatar, Msida u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 175885(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Bejn is-27 t’April 2009 u t-28 ta’ Mejju 2009 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha anki jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda,

1. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur ta' Artikolu 183 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur ta' Art 184 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess zmien u cirkostanzi b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ghal ammont ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) bi hsara ta' Maria Agius Gilibert ta' 80 sena detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 362228M u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta' Art. 308 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess zmien u cirkostanzi bi hsara ta' Maria Agius Gilibert ghamlet qligh iehor b'qerq ghal-ammont ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan bi ksur ta' Art. 309 ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nhar l-20 ta' Lulju 2009,

5. Naqset milli thares xi kondizzjoni jew kundizzjonijiet imposti fuqha nhar id-19 ta' Gunju 2009 meta hija nhelset mill-kustodja (Police Bail) kif hemm provdut fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 355AL, billi ppruvat jew ghamlet xi haga biex titlaq minn Malta minghajr l-awtorita jew li tattendi l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta ghal aktar investigazzjonijiet fil-hin li gie lilha moghti ghaldaqshekk u

dan bi ksur ta’ Artikolu 355AL (5) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputata milli tavvicina lil Maria Agius Gilibert ta’ 80 sena dententrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 362228M, ir-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta’ Gunju 2011 (esebita a fol. 253 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 183, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) Fl-artikolu 355AL (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ; u
(d) Fl-artikolu 17, 23, 23A, 23B, 23C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li l-imputata waqt l-udjenza tad-29 ta’ Lulju 2011 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat illi waqt l-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2012 l-imputata ammettiet l-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-22 ta’ Marzu 2012.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha salv ghar-raba'(4) imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghat-tielet(3) imputazzjoni li taghha l-imputata ser tinstab hatja.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-parti civili thallset in toto l-ammont kollu nvolut u kkunsidrat ukoll li l-imputata ghandha fedina penali relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli indikati fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tat-13 ta' Gunju 2011 u senjatament l-Artikoli 183, 184, 308, 309 u 310(1)(a) u 355AL(5) u 17 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u l-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum. Stante li r-raba'(4) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghat-tielet(3) imputazzjoni li taghha instabet hatja, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------